MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 488/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Justin Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Justin Agius talli:

(A) nhar-is 17 ta’ Frar 2011, ghall-habta ta’ 1.30 p.m., gewwa l-fond 128, Triq San Gorg, Qormi, bhala detentur ta’ licenza taht xi disposizzjoni ta’ l-Att dwar l-Armi (Kap 480), naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenza;

(B) fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess u kien qed igorr arma tan-nar; senter tal-marka Benelli

numru tas-serje M743140, mhux kif hekk specifikat f'dik il-licenza;

(C) fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna ta' Keith Agius, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari, u cioe` senter tal-marka Benelli, numru tas-serje M743140;

(D) fl-istess, data, hin, lok, u cirkostanzi hedded lil Keith Agius, billi qabad arma tan-nar kontrih.

Il-qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, tordna l-konfiska ta' l-arma in kwistjoni, u thassar jew tissospendi l-licenza mahruga taht l-Att dwar l-Armi (Kap 480) u tipprojbixxi lill-imsemmi Justin Agius milli jkollu xi licenza taht dan l-Att (Kap 480).

Il-qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-art. 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta` ta' Keith Agius u biex skond l-art. 412C tal-Kap 9 tohrog ordni ta' protezzjoni tal-persuna offiza u cioe` ta' Keith Agius minn fastidju jew mgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 52 u 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi Justin Agius hati tat-tielet (3) imputazzjoni u ghaldaqstant illiberatu minnha, filwaqt li sabitu hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni, b'dan illi l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma assorbiti f'xulxin, u kkundannatu multa ta' seba' mitt euro (€700);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Justin Agiusipprezentat fit-22 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni, izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn instab hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-30 ta’ Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-imsemmi Justin Agius instab hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet migjuba kontrih, filwaqt li tirrevoka l-parti fejn gie lliberat mit-tielet imputazzjoni u minflokk issibu hati taghha, u wara li timponi piena aktar idoneja ghas-sejbien ta’ htija ta’ l-imputzzjonijiet kollha migjuba kontrih, tordna wkoll l-applikazzjoni tal-artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480) u tipprosegwi bis-sentenza ai termini tal-Ligijiet ta’ Malta;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ Justin Agius esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-appellant Justin Agius  ghandu aggravju uniku, u cioe` li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija dwar l-ebda imputazzjoni. Mill-banda l-ohra l-Avukat Generali jsostni li (1) l-imsemmi Justin Agius kellu jinstab hati anke tat-tielet imputazzjoni, (2) ghalhekk il-piena ghandha tigi riveduta, u inoltre (2) l-ewwel Qorti kellha tordna l-konfiska ta’ l-arma.

**7.** L-aggravju ta’ Justin Agius (minn hawn ’il quddiem imsejjah “l-appellant/l-appellat”) u l-ewwel aggravju ta’ l-Avukat Generali jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Bazikament l-unika prova hija l-istqarrija ta’ l-appellant/l-appellat (Dok. TC3) esebita mill-Ispettur Tony Cachia fil-15 ta’ Novembru 2011.

**8.** Minn dik l-istqarrija jirrizulta li dan kien incident sfortunat bejn zewgt ahwa li beda meta l-appellant/l-appellat irrimarka lil huh Keith Agus li dan kien libes flokk ta’ l-appellant/l-appellat minghajr ma qallu. Skond l-appellant/l-appellat, huh irrabja, sabbatlu l-*mobile*, l-appellant/l-appellat tefaghlu mazz cwievet u huh tah daqqtejn b’sikkina. L-appellant/l-appellat jghid li nizel ghas-senter li kellu f’kamartu, ikkargah b’skartocc u kellu iehor f’idu izda huh qabadlu s-senter, bdew jirraggaw, l-appellant/l-appellat rega’ hadu, skargah u tefghu fil-*pocket*.

**9.** Minn dan ir-rakkont ta' l-appellant/l-appellat ma jirrizultax illi fil-hin li kellu s-senter f'idejh huwa kien qieghed jaghmel reat kontra l-persuna ta' huh. Fil-fatt kien huh li ghamel reat fuq il-persuna ta' l-appellant/l-appellat meta tah daqqtejn b'sikkina. Lanqas ma jirrizulta illi l-appellant/l-appellat ghamel xi tentattiv ta' reat fuq il-persuna ta' huh bis-senter. Kwindi l-appellant/l-appellat gie korrettement illiberat mill-ewwel Qorti mit-tielet imputazzjoni. Mill-banda l-ohra l-imputazzjonijiet l-ohra jinsabu debitament assodati. Dwar ir-raba' imputazzjoni fil-fatt m'hemmx dubju illi Keith Agius hassu mhedded bil-fatt li ra lill-appellant/l-appellat jikkarga s-senter.

**10.** Kwantu ghat-talba ta' l-Avukat Generali biex issir il-konfiska ta' l-arma, din it-talba hi gustifikata. Meta xehed l-ispettur Tony Cachia quddiem l-ewwel Qorti, huwa esebixxa l-ircevuta mnejn jirrizulta li l-arma in kwistjoni (Benelli Armi-Urbino-Made in Italy bin-numru tas-serje M743140) giet elevata minghand l-appellant/l-appellat mill-Pulizija. L-esebizzjoni ta' dan id-dokument juri li l-arma giet esebita formalment quddiem l-ewwel Qorti.

**11.** Kwantu ghall-piena, galadarba din il-Qorti sejra tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant/l-appellat hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u in kwantu ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni, u galadarba jidher illi ma hemm l-ebda animozita` bejn l-appellant/l-appellat u huh, tant illi quddiem l-ewwel Qorti Keith Agius iddikjara li ma kienx ser jixhed kontra l-appellant/l-appellat huh u anke rrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli, din il-Qorti mhijiex sejra tvarja l-piena nflitta mill-ewwel Qorti, salv ghall-konfiska ta' l-arma.

**12.** Ghal dawn il-motivi filwaqt illi tichad l-appell ta' Justin Agius, tiddisponi mill-appell ta' l-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-imsemmi Justin Agius hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu, u in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet b'dan illi l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma assorbiti f'xulxin, u in

kwantu kkundannatu ghal multa ta’ seba’ mitt euro (€700), a tenur ta’ l-artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska ta’ l-arma Benelli Armi-Urbino-Made in Italy bin-numru tas-serje M743140 esebita formalment mill-Ispettur Tony Cachia quddiem l-ewwel Qorti fil-15 ta’ Novembru 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------